## Rikors ippreżentat fit-22 ta' Ottubru 2010 — Bömcke vs BEI

**(Kawża F-105/10)**

(2011/C 30/127)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Eberhard Bömcke (Athus, il-Belġju) (rappreżentant: D. Lagasse, avukat)

*Konvenut:* Il-Bank Ewropew tal-Investiment

### Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni meħuda mid-direttur tar-riżorsi umani tal-konvenut li tikkonferma li l-mandat ta' rappreżentant tal-persunal tar-rikorrent skada u talba għad-danni.

### Talbiet tar-rikorrent

— Tannulla d-deċiżjoni tad-direttur tar-riżorsi umani tal-BEI nnotifikata lir-rikorrent permezz ta' ittra tat-12 ta' Ottubru 2010 li huwa rċieva fil-15 ta' Ottubru 2010,

— tikkundanna lill-BEI għall-ħlas ta' kumpens għad-danni morali kkawżati mid-deċiżjoni ċċitata iktar 'il fuq lir-rikorrent u għal dan il-għan takkordalu l-ammont ta' EUR 25 000,

— tikkundanna lill-BEI għall-ispejjeż.

---

## Rikors ippreżentat fis-26 ta' Ottubru 2010 — Filice et vs Il-Qorti tal-Ġustizzja

**(Kawża F-108/10)**

(2011/C 30/128)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Stefania Filice *et* (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: B. Cortese, C. Cortese u F. Spitaleri, avukati)

*Konvenuta:* Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

### Suġġett

Annullament tad-deċiżjonijiet tal-konvenuta, riprodotti fid-dikjarazzjonijiet ta' remunerazzjoni tar-rikorrenti, li jillimitaw l-aġġustament tal-pagi tagħhom, b'effett minn Lulju tal-2009, b'żieda ta' 1,85 % skont l-aġġustament annwali tar-remunerazzjonijiet u l-pensjonijiet ta' uffiċjali u membri oħra tal-persunal fuq il-bażi tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1296/2009, tat-23 ta' Diċembru 2009.

### Talbiet tar-rikorrenti

— jannulla d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li dehru fid-dikjarazzjonijiet għax-xahar ta' Jannar 2010 u x-xhur sussegwenti u d-dikjarazzjonijiet tal-arretrati għas-sena 2009, liema dikjarazzjonijiet juru aġġustament bir-rata ta' 1,85 % minflok bir-rata ta' 3,7 %;

— jikkundanna lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrimborsa d-differenza bejn l-ammont ta' remunerazzjonijiet imħallsa skont ir-regolament Nru 1296/09 sad-data li fiha tingħata s-sentenza tal-kawża preżenti u dawk l-ammonti li kien ikollhom jitħallsu li kieku l-aġġustament kien ġie kkalkultat b'mod korrett, kif ukoll l-imgħax bir-rati ffissati mill-Bank Ċentrali Ewropew applikabbli matul il-perijodi kkonċernati, b'żieda ta' tliet punti u nofs, u dan b'effett mid-data li fiha s-somom mitluba fil-kawża prinċipali saru dovuti;

— jikkundanna lill-Qorti tal-Ġustizzja għall-ispejjeż.

---

## Rikors ippreżentat fid-29 ta' Ottubru 2010 — Bernaldo de Quirós vs Il-Kummissjoni

**(Kawża F-111/10)**

(2011/C 30/129)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Belén Bernaldo de Quirós (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: L. Levi, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Suġġett

Annullament tad-deċiżjoni impliċita li tiċħad in-nota tar-rikorrenti li permezz tagħha titlob mingħand il-konvenuta l-protezzjoni skont l-Artikolu 22a(3) tar-Regolamenti tal-Persunal, u t-talba għad-danni.

### Talbiet tar-rikorrenti

— l-annullament tad-deċiżjoni impliċita ta' ċaħda tat-talba tar-rikorrenti tal-1 ta' Ottubru 2009 u, jekk ikun meħtieġ, tal-ittra/deċiżjoni tal-IDOC tat-3 ta' Novembru 2009 u tal-ittra tad-direttur ġenerali tad-Direzzjoni Ġenerali Riżorsi Umani tal-Kummissjoni Ewropea, tat-22 ta' Marzu 2010;

— sa fejn ikun meħtieġ, l-annullament tad-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment tagħha, deċiżjoni tat-3 ta' Awwissu 2010 u nnotifikata l-għada, l-4 ta' Awwissu 2010;